MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 219/2004

**A.**

**vs.**

**B u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2005 kunjom il-konvenuta gie jaqra Reginiano nee' Fenech.**
**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur jibda biex jirreferi ghad-Dikjarazzjoni Guramentata tieghu mal-Korp ta' din ic-citazzjoni odjerna u fejn ifisser fid-dettal ic-cirkostanzi ta' kif iltaqa' mal-konvenuta, ir-rapport ta' bejn l-attur u l-konvenuta tul is-snin qabel l-allegat zwieg, il-verita' tas-sitwazzjoni fejn il-konvenuta gja' kellha tletin (30) sena meta allegatment inghaqdet fiz-zwieg mal-attur, u l-veru karattru tal-

konvenuta wara l-allegat zwieg: l-analizi f' dan ir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni guramentata ma thalli l-ebda dubju dwar kemm il-konvenuta kienet qarqet bl-attur, dwar vjolenza biex insejhulha hekk morali jew biza' li saret fuq il-konvenuta biex tfittex tinghaqad fiz-zwieg anke minhabba l-eta' taghha u l-fatt li riedet socjalment tidher li hija stabbilita', u n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi wara li tigi evalwata d-Dikjarazzjoni Guramentata tal-attur fil-Korp ta' din ic-citazzjoni odjerna, issir referenza gad-Dok. "Alpha 1" fejn naraw illi l-attur u l-konvenuta kienu allegatament inghaqdu fiz-zwieg permezz ta' rit civili fil-gzira ta' St. Lucia fil-British West Indies nhar it-tnax (12) ta' Gunju, 1996 u li minn dan l-allegat zwieg huma kellhom tlett itfal li sal-mument tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni, dawn it-tlett itfal ghadhom minuri;

Illi t-tifel il-kbir odjernament ghandu seba' (7) snin, it-tieni wild, tifla Nicole ghandha hames (5) snin u l-izghar fost l-ulied Rebekah li ser taghlaq sentejn. Illi dan it-taghrif qed jinghata lil dina l-Onorabbli Qorti biex l-attur juriha kemm jemmen bis-shih li dan iz-zwieg qatt ma kien ghaliex kieku ma kienx sejjer jesponi lit-tlett uliedu minuri ghal vojt fil-psikologija taghhom li ggib maghha it-tifrik ta' familja li l-attur tant xtaq u tant emmen fiha, imma l-konvenuta ghuriet car li dan mhux il-kaz, u dan minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati li jinvalidaw dan l-allegat zwieg;

Illi jigi ghalhekk li dan l-allegat zwieg li ghandu n-numru tal-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta 1509 tal-10 ta' Settembru 1996 huwa null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli a bazi **tal-Att dwar iz-Zwieg,** u cioe' **Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** partikolarment **Artikolu 19 subartikolu 1, u paragrafi (a), (b), (c), (d), (f) u (g);**

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li ghandu n-numru tar-Registru 1509 tal-10 ta' Settembru 1996 fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta u li originarjarment sehh fil-gzira ta' Santa Lucia bir-ritt Civili fil-British West Indies nhar it-tnax (12) ta' Gunju 1996, bejn il-kontendenti, huwa null, invalidu ineffettiv u mhux enforzabbli skond il-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi l-allegat zwieg bejn il-kontendenti A u B huwa null u nvalidu a bazi ta' l-**Artikolu 19, subartikolu 1, paragrafi (a) jew (b) jew (c) jew (d) jew (f) jew (g)** jew inkella dawn ir-ragunijiet legali kollha jew uhud minnhom, tal-**Kap 255 tal-Att dwar iz-Zwieg tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Fl-eventwalita' tal-kontumacja jew assenza tal-kovenuta ghandhom jigu nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-istess konvenuta;

4. Ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xieraq u gust li tordna fic-cirkostanzi u a bazi tat-talbiet tal-attur kif hawn suesposti;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji, inkonnessjoni ma' dawn l-atti u atti direttament u indirettament konnessi maghhom, kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta nsubizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa 19 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-10 ta' Dicembru 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tletin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata 15 ta’ Settembru 2004, a fol. 31 li fejn ecepit bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, l-att tac-citazzjoni ppresentata mill-attur huwa null u bla effett *stante* illi l-konvenuta jisimha B Reginiano u mhux kif imnizzel mill-attur fl-okkju tac-citazzjoni *‘Reginiano sive Reginiano Fenech B”*;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-identifikazzjoni tal-konvenuta fl-okkju tac-citazzjoni odjerna hemm is-segwenti frazi *‘allegatament mart l-attur’* liema kumment m’ huwiex mehtieg kif ukoll superfluwu *ai termini* tal-**Artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

3. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija ma topponix ghall-ewwel u t-tieni talba tal-attur u cioe’ li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta’ Settembru 1996 ghandu jigi dikjarat null u bla effett, izda dan minhabba htijiet u ragunijiet imputtabbli unikament lill-attur;

4. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba m’ ghandhiex tigi akkolta *stante* illi l-eccipjenti qieghda debitament tipprezenta din in-nota tal-eccezzjonijiet;

5. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba’ talba ghandha tigi milqugha izda dan mhux abbazi tat-talbiet tal-attur *stante* li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqasijiet li jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ dan iz-zwieg huma mputabbli unikament u esklussivament lil l-istess attur;

7. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward l-ewwel premessa l-eccipjenti tteni illi d-dikjarazzjoni guramentata tal-attur tikkontjeni fatti li m’ humiex minnhom, *stante* illi *se mai* l-qerq u / jew vjolenza

morali saret mill-attur ghal fuq l-eccipjenti w aktar minn hekk kien l-attur li kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga;

8. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni premessa tal-attur m' hijiex ikkontestata;

9. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward t-tielet premessa l-eccipjenti tteni illi m' huwiex minnu illi l-attur jemmen fil-valuri tal-familja, tant illi l-attur qatt ma wera x-xewqa li jkollu tfal, fil-fatt ma ridx li jkollhom aktar mill-wild wiehed;

10. Illi fil-mertu, *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward ir-raba' premessa, fil-fatt u fil-ligi, r-ragunijiet legali moghtija mill-attur ghall-annullament taz-zwieg fl-odjerna citazzjoni u cioe' l-**Artikoli 19 (1) (a), (b), (c), (d), (f) u (g) ta' l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom jigu applikati, izda fil-konfront tal-attur;

11. Illi b' riserva li jigu pprezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 33 u fol. 34 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta B Reginiano datata 15 ta' Settembru 2004, a fol. 36, li permezz taghha ddikjarat li ma hemm l-ebda kawza pendenti quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Rat in-nota tal-attur datata 16 ta' Dicembru 2004, a fol. 37, li permezz taghha prezenta l-affidavit tal-**psikjatra Etienne Muscat** u ta' **Dolores sive Doreen Mifsud**.

Rat ir-rikors tal-attur A datat 17 ta' Jannar 2005, a fol. 53, fejn talab bir-rispett sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi jekk hux fl-interess tal-kontendenti u anke tat-tlett uliedhom li l-ezitu tal-kawza ghad-dikjarazzjoni tal-annullabilita' tal-allegat zwieg bejn il-kontendenti ghandhiex tigi deciza fic-cirkostanzi qabel ma jitkomplew jinstemghu u jingabu provi f' din il-kawza tal-firda legali u talbiet konnessi w ancillari bejn l-istess konjugi Reginiano;

2. Tordna lill-partijiet jiddikjaraw fic-cirkostanzi xi provi kellhom fi hsieb li jresqu f' din il-kawza jekk l-allegat zwieg jigi minn din il-Qorti dikjarat null, invalidu u mhux enforzabbli skond il-ligijiet ta' Malta;

3. Jinghataw kwalsiasi provedimenti opportuni li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna a bazi ta' dawn iz-zewg talbiet precedenti kif hawn fuq suespost.

Rat id-digriet datat 18 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika.

Rat il-verbal tal-19 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti rat li l-affidavit gew rifjutati mill-konvenuta skond ir-riferta tat-12 ta' Jannar 2005. Il-Qorti ddikjarat *ai termini* tal-Ligi li n-notifika saret fid-data ndikata fl-istess riferta. Dr. Emy Bezzina ghall-attur talab korrezzjoni fl-okkju b' dan li isem il-konvenuta ghandu jigi ndikat bhala B Reginiano nee' Fenech minflok dak indikat. Il-Qorti laqghat it-talba. Fir-rigward tar-rikors datat 17 ta' Jannar 2005, il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2005 u cahdet it-talba. Dr. Edward Saliba ghall-attrici nghata kopja tal-affidavit attrici.

Rat in-nota tal-konvenuta B Reginiano, datata 18 ta' Frar 2005, a fol. 61, li permezz taghha esebit l-affidavit **taghha**, ta' **huha Frank Fenech**, ta' **huha Stefan Fenech** u ta' **missierha Emanuel Fenech**.

Rat il-verbal datat 13 ta' April 2005, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

**(i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur qed titlob li z-zwieg celebrat civilment fit-12 ta' Gunju 1996 fil-gzira ta' Santa Lucia fil-British West Indies u li gie registrat f'Malta bin-numru ta' Registrazzjoni 1509 tal-10 ta' Settembru 1996 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (b), (c), (d) (f) u (g) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) (b), (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1***)* *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*a. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

*b. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra."*

*c. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

*d. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*f. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (a).</u>**

Illi l-attrici bbazat l-azzjoni taghha fl-ewwel lok fuq l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim'Awla - 17 ta' Frar 1988), rriteniet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), gie sostnut illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn fl-istess decizjoni nghad illi:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn*

*haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), din il-Qorti diversament presjeduta ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) gie ritenut li il-biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn inghad is-segwenti:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (b).</u>**

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, mbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Illi **il-"*Castano*"** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

"*L'errore infatti e' un atto del'intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe` che non corrisponde alla verita'. E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare"*.

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni li l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunsens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* irid ikun tali li min-natura tieghu ifixxkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, ssir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun "*directly and principally intended*", u cioe` li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

- **<u>L-ARTIKOLU 19 (1) (c).</u>**

Illi bazi ohra li l-attur semma' sabiex jitlob li z-zwieg tieghu jigi annullat abbbazi tieghu huwa dak taht id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jipprovdi li hemm tali kazi ta' nullita' taz-zwieg jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar*

*xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din id-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun <u>tista'</u> mix-xorta taghha tfixkel <u>serjament</u> il-hajja mizzewga.

- <u>**L-ARTIKOLU 19(1) (d).**</u>

Illi l-attur ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli*

*istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,* Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,* Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of*

*life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (***Viladrich, P.J.*****, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*****)****, p. 686).*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (f).</u>**

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** ukoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) **u “Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

- **<u>L-ARTIKOLU 19 (1) (g).</u>**

Illi l-attur jghid fl-ahharnett li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (g)** u dwar dan l-istess artikolu l-awtur **J. Edward Hudson** isostni u jtenni *li "a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107).

Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kondizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

## (ii) Apprezzament tal-Provi Prodotti.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Gunju 1996 fil-gzira ta' Santa Lucia fil-British West Indies u li gie registrat f'Malta bin-numru ta' Registrazzjoni 1509 tal-10 ta' Settembru 1996. Bdew johorgu flimkien fis-sena 1986 u ghalhekk damu f'din ir-relazzjoni ghaxar snin qabel ma' zzewgu, ghalkemm ir-relazzjoni taghhom giet sospiza fis-snin 1992 u 1993. F'dan iz-zewg kazijiet l-attur jallega li l-konvenuta kellha relazzjonijiet ma' zewgt irgiel differenti, izda xorta wahda jghid li huwa xorta rega' beda jhobb lill-konvenuta u fil-fatt reghhu bdew johorgu flimkien.

Illi l-partijiet zzewgu civilment peress li huwa jhaddan ir-religjon Gudajka u l-konvenuta hija kattolika. L-attur jghid li martu kienet dominanti, thobb oggetti prezzjuzi u materjali u dak li sejjah bhala *"life style gholi"* u wkoll aljenatu mill-familja tieghu. Jallega li martu qaltlu li ghaliha qisha qatt ma' izzewgitu ghaliex ghaliha iz-zwieg civili ma' kien zwieg xejn u ghalhekk jghid li l-istess konvenuta fi Frar 2004 kellha relazzjoni ma' persuna ohra certu Renato Attard u allura jikkonkludi li l-kuncett ta' lejalta' fiz-zwieg ma' giex adottat minnha u ghalhekk l-kunsens taghha kien hekk vizzjat u simulat. Jakkuza lill-konvenuta b'diversi relazzjonijiet ohra fosthom ma' ragel svizzeru u ma' l-imghallem taghha certu Alex Montanaro u wkoll jallega

indiskrezzjonijiet ohra ma' ditta ta' avukati li kienet tahdem maghhom qabel iz-zwieg.

Illi pero' din il-Qorti thoss li meta wiehed jikkonsidra dan kollu anke fl-optika tax-xhieda tal-konvenuta jidher li kull parti qatt ma' setghat tasal sabiex ikollha u taccetta u thadden l-elementi essenzjali taz-zwieg bejniethom u dan peress li jidher li kien hemm divergenza kbira bejn ir-religjonijiet li huma kienu jhaddnu. Kull parti enfassizzat li riedet taccetta biss ir-religjon taghha u z-zwieg civili kien biss kompromess ghalihom – kompromess li in verita' ma emmnux fih u allura lanqas biss ikkonsidraw qatt li huma marbutin bih – anzi jidher li dan kollu kien ir-raguni ta' konflitti serji bejniethom anke f'dak li hija trobbija ta' ulied – tant li kull parti riedet li trabbi lit-tfal taghha skond ir-religjon taghhom – u dan jidher li sar b'insistenza kbira, tant li huwa difficli hafna kif f'dan l-isfond ta' hajja u f'dan in-nuqqas ta' ftehim fundamentali wiehed jista' jasal qatt sabiex jikkonkludi li l-partijiet haddnu jew setghu ihaddnu xi darba l-elementi essenzjali taz-zwieg – anke ghaliex fuq dan il-punt biss kienu jhossu lill-parti l-ohra bhala differenti minnhom, tant li lill-wild taghhom ma rieduhx jew ma' rieduhiex tkun bhal ohra.

Illi fil-fatt jidher li l-istess partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg bla ma biss ikkontemplaw x'kien ser jigri b'din id-divergenza u differenza bazilari u ta' importanza kbira u jidher car minn dak kollu li gie prodott f'din il-kawza li kieku kull parti kienet taf jew irrealizzat li l-parti l-ohra riedet trabbi lil uliedha skond ir-religjon taghha biss, certament li dan iz-zwieg ma kienx issir – tant li tali zwieg civili li sehh biss b'dik il-forma biss bhala kompromess u xejn izjed – ma solva xejn u heba' biss il-problemi u distinzjonijiet li l-partijiet kellhom bejniethom u li effettivament hbew lil xulxin. Ghalhekk skond din il-Qorti hemm il-bazi kollha sabiex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, filwaqt li **tichad it-tielet u r-raba' talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li ghandu n-numru tar-Registru 1509 tal-10 ta' Settembru 1996 fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta u li originarjarment sehh fil-gzira ta' Santa Lucia bir-ritt Civili fil-British West Indies nhar it-tnax (12) ta' Gunju 1996, bejn il-kontendenti, huwa null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli skond il-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi l-allegat zwieg bejn il-kontendenti A u B Reginiano nee' Fenech huwa null u nvalidu a bazi ta' l-**artikolu 19, subartikolu 1, paragrafu (c) tal-Kap 255 tal-Att dwar iz-Zwieg tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien hekk vizzjat.

Bl-ispejjez kollha jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------